**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 42 – AĠĠORNAMENT**

IL-ĦAMIS 26 TA' APRIL 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I RAPPORT MILL-KUNSILLIERI

i Is-Sindku rreferiet għax-xogħolijiet li qed issiru fuq il-pontoons tax-Xatt minn Polidano Brothers. Hija qalet li dawn talbu permess biex ipoġġu l-conatniers fiż-żona fejn qiegħed issir ix-xogħol. Hija pproponoet li din it-talba tiġi aċċettata u jingħtaw ukoll skont ta' 50%. Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol li qed jitwettaq mill-Creek Devolpers qiegħed issir ukoll inkonessjoni ma' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li jinħareġ il-permess għall-containers u kien konsistenti ma' deċiżjoni li ħa fl-aħħar Seduta li kif jiġi ffinalizzat il-proċess ta' devoluzzjoni jibdew it-trattati mal-Creek Devolpers dwar il-proposta tagħhom.

ii Is-Sindku rreferiet għas-sejħa gaħll-offerti għas-servizz ta' Authorized Officer li għaliha intefgħu żewġ offerti. Hija qalet li l-Kumitat tar-Reġjun għażel l-offerta' tas-Sur David Soler. Hija nfurmat li s-sisteżis li kienet tefgħet l-offerta' l-oħra, appellat id-deċiżjoni tal-Kumitat.

iii Is-Sindku ppreżentat kwotazzjoni u sample għall-madum ta' l-art tal-Conference Room. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li dan jinxtara (€544.50 inc. VAT ).

iv Il-Kunsillier F. Roe rraporta li attenda laqgħa ta' TCTC dwar żewġ courses li dawn qed joffru- e-Familja u e-Anzjan. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Sur Ray Abela – direttur ta' l-imsemmija Kumpanija.

v Il-Kunsillier A. Cachia Castelleti rrefera għall-korripondenza ta' l-AKL dwar il-Youth in Action. Hu inomina liż-żagħżagħ Ms Sarah Borg u Mr Thomas Borg.

vi Il-Kunsillier F. Roe informa li l-Arriva Bus No:15 mill-Belt se tibda' tgħaddi minn Triq Prinċipessa Margerita.

vii Il-Kunsillieri A. Cachia Castelletti, E. Muscat u F. Roe ippreżentaw lista ta' lmenti/ suġġerimenti biex tittieħed azzjoni dwarhom mill-Customer Care.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

i L-Aġent SE ippreżentat reviżjoni tal-Business Plan 2012-2015, is-Sindku pproponiet li din tiġi approvata, il-Kunsillier F. Roe issekonda. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

ii L-Aġent SE ippreżentat il-Financial Statements 2011 aġġustati. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

iii L-Aġent SE rrapurta li kien hemm ilmenti dwar il-bejjiegħ tal-hot dogs li qed jarma fix-Xatt ta' Ta' Xbiex. Hija nfurmat li għaddiet il-korrispondenza li l-Avukat biex jitratta l-aspett legali tal-kaz.

iv Il-Kunsill iddiskuta l-ħatra tal-bord ta' l-għażla għall-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku pproponiet li dan jkun kompost minnha, mill-Viċi-Sindku, mill-Kunsillier A. Cachia Castelletti u mill-Aġent SE. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**Il-Laqgha spiccat fis-7.40p.m. u sar aggornament ghal-nhar il-Ħamis 31 ta' Mejju fil-5:30pm**

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |